# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2016

Appell Nru: 190/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Charles Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Charles Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 3665M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Jannar 2012 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, rcieva minghand Joseph Debono ID 413065 (M) u Diana Degabriele ID 67186 (M) xi weghda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini ta' l-Artikoli 18 u 298C tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; talli sar ricediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru

definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' April, 2014, li permezz taghha, fuq nuqqas ta' provi, lliberat lill-appellat;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2014, li bih talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi mill-kaz skond il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tat-12 t'Ottubru, 2015 l-appellat issolleva zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari li permezz taghhom l-appellat

eccepixxa fl-ewwel lok illi l-appell tal-Avukat Generali huwa null stante li prezentat wara z-zmien previst mil-ligi u fit-tieni lok illi l-"Avukat Generali ma kellux bazi fuq x'hiex jappella". Isegwi ghalhekk li jkunu decizi *in primis* dawn l-eccezzjonijiet;

2. Illi kif gia indikat fil-parti introduttorja ta' din is-sentenza, l-appellat kien liberat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza taghha moghtija fit-**8 t'April, 2014**. B'nota tal-**10 t'April, 2014**, (ex artikolu 414 tal-Kap 9), l-prosekuzzjoni infurmat lill-Ewwel Qorti li kienet fi hsiebha tappella minn dik is-sentenza u l-atti mibghuta mill-Qorti kienu ricevuti mill-Ufficcju tal-Avukat Generali fil-**25 t'April, 2014.** Ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali kien prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-**8 ta' Mejju, 2014.** Issa, bl-eccezzjoni tieghu, l-appellat jargumenta illi dan l-appell kien prezentat tardivament billi t-terminu koncess lill-Avukat Generali kien skada b'jum;

3. L-artikolu 417 (1) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> **417.** (1) L-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li ghandu jigi ipprezentat fi zmien tmint ijiem tax-xoghol, u fil-kaz ta' appell minn kawzi maqtugha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), fi zmien tnax-il jum tax-xoghol, li jibdew jghaddu, ghall-persuna misjuba hatja u ghall-kwerelant, mill-gurnata tas-sentenza definittiva, u ghall-Avukat Generali, minn dak in-nhar li jircievi l-atti:

4. Illi l-bazi tal-argument tal-appellat kwantu ghall-ewwel eccezzjoni hi li t-terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol jibdew jiddekorru proprju mill-jum li fih l-Avukat Generali jircievi l-atti b'mod ghalhekk illi l-Avukat General kellu sal-24 t'April sabiex jirregistra l-appell u mhux sal-25 t'April;

5. Irid jinghad illi tmint ijiem tax-xoghol mghaduda mill-**10 t'April 2014 (**kompriz il-jum li fih l-Avukat Generali ircieva l-atti) **jiskadi fl-**

**24 t'April** filwaqt illi meta komputati b'mod li ma takkludix l-jum tal-10 t'April, t-terminu jiskadi **fil-25 t'April 2014**. L-argument kollu ghalhekk hu jekk meta wiehed jibda' jghodd it-tmint ijiem ghandux jinkludi l-10 t'April;

6. In sostenn tal-argument tieghu, l-appellat jiccita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Biagio Muscat tal-14 ta' Novembru, 2013 u Pulizija vs Stephen John Ciantar Barbara tas-26 ta' Marzu 2015. Kwantu ghall-ewwel referenza. Fis-sentenza Biagio Muscat, meta l-Qorti ddecidiet dwar eccezzjoni identika ghal-dik hawn kondsiderata qalet hekk: *"Pero' darba l-Avukat Generali jircievi l-Atti mill-Qorti tal-Magistrati dana ghandu terminu fatali ta' tmient ijiem tax-xoghol minn dak inhar illi rcieva l-Atti tal-kawza u mhux mill-ghada li jkun ircevihom. Il-Ligi hija cara f'dan ir-rigward u tispecifika ezatt meta ghandu jibda t-terminu u cioe' minn dak inhar illi jkun ircieva l-Atti [l-Avukat Generali].....allura skont id-dispost ta' l-Artikolu 417(1) tal-Kap 9 ipoggi l-appell ta' l-Avukat Generali "fuori termini""*. Din il-Qorti tosserva illi t-tmint ijiem f'dak il-kaz kienu jakkludu l-jum li fih l-Avukat Generali kien ircieva l-atti mill-Qorti tal-Magistrati. L-istess Qorti adoperat l-istess ragunament fis-sentenza citata *supra* Ciantar Barbara;

7. Ezaminati diversi sentenzi ta' din il-Qorti, fosthom Il-Pulizija vs Charles Azzopardi tat-3 ta' Dicembru 2001 u Il-Pulizija vs James Barbara tas-17 ta' Jannar, 2013 huwa evidenti illi meta si tratta ta' termini fatali bhal dak in diskussjoni, l-kalkolu tal-jiem dekoribbli qatt ma jakkludi dak li fih, ad ezempju, tkun inghatat is-sentenza. Meta l-artikolu 414(1) Kap 9 jipprovdi ghall-erbat ijiem li fih l-Pulizija tista' titlob lill-Qorti tal-Magistrati li l-atti jkunu mibghuta lill-Avukat Generali sabiex ikun jista' jappella, dak it-terminu hu ta' "*mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza".* Fis-sentenza citata *supra* Charles Azzopardi, is-sentenza inghatat it-Tlieta 8 ta' Mejju u t-terminu ghal-din in-nota kien jiskadi t-Tnejn 14 ta' Mejju

ghaliex kellhom ikunu eskluzi is-Sibt u l-Hadd. It-terminu b'hekk kien komputat bhala 9, 10, 11, [12 is-Sibt u 13 il-Hadd allura eskluzi] u 14 li kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol wara il-Hadd 13 ta' Mejju 2001. Li kieku l-ghadd beda mit-8 ta' Mejju, id-data tal-**<u>ghoti tas-sentenza</u>**, dak it-terminu kien jaqa' l-Gimgha 11 ta' Mejju. L-istess forma ta' komputazzjoni kienet ravvizata fis-sentenza ukoll citata *supra* James Barbara b'sentenza tal-Ewwel Qorti moghtija il-Gimgha 18 ta' Novembru 2011 fejn in-nota tal-Pulizija kellha tkun intavolata sal-24 ta' Novembru. Fil-komputazzjoni taghha l-Qorti tal-Appell eskludiet il-gurnata li fiha inghatat is-sentenza kompriz il-jum tas-Sibt u Hadd li jigu warajha sabiex b'hekk l-erbat ijiem bdew jinghaddu mit-Tnejn 21 ta' Novembru bl-eghluq fl-24 ta' Novembru;

8. Huwa evidenti li meta l-artikolu 417(1) jiddisponi miz-zmien ta' tmint ijiem tax-xoghol li fih ghandu jkun registrat l-appell, dak it-terminu ghandu bil-fors jiskatta minn punt ta' referenza. Fil-kaz tal-persuna misjuba hatja, mil-gurnata tas-sentenza u ghall-Avukat Generali, minn meta jircievi l-atti. Dan tal-ahhar logikament huwa hekk minhabba l-artikolu 414 peress illi meta tinghata s-sentenza, f'kaz li l-Avukat Generali juri l-hsieb ghall-appell, t-terminu tieghu bifors irid jibda jiddekorri minn punt determinabbli. Issa jekk, bhalma gieli gara, l-atti kienu mibghuta lill-Avukat Generali fl-istess jum li fih il-Qorti tal-Magistrati tkun irceviet l-avviz t'appell mill-Pulizija (art 414), (Pulizija vs Massimo Bonello App Krim 15.10.2009) z-zmien tal-Avukat Generali biex jintavola l-appell jibda jiddekorri minn dakinhar u mhux f'xi zmien iehor. Mill-att iehor, jekk it-terminu tal-persuna misjuba hatja huwa ta' tmint ijiem, sabiex dawn verament jitqiesu tmint ijiem il-kontegg irid jibda mill-ghada, anke jekk il-ligi ma tghidx hekk. Bl-istess ragunament t-terminu tal-Avukat Generali ghandu jissarraf f'sebat ijiem jekk dan jibda jiddekorri mid-data li fiha jircievi l-atti. U jekk l-atti jkunu ricevuti qrib il-hin legali li fih jghalaq ir-registru tal-Qorti, dak il-jum jitqies mitluf u inutili. U r-risposta ghal dan kollu tinsab fl-artikolu 102 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili applikabbli ghall-Kodici Kriminali bis-sahha tal-artikolu 520(1)(b) tal-Kap 9;

9. Dawn iz-zewg artikoli qed ikunu riprodotti ghall-esposizzjoni aktar cara:

520. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan il-Kodici, id-disposizzjonijiet li gejjin tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandhom, hlief sa fejn hu provdut xort'ohra f'dan il-Kodici, jghoddu ghall-qrati tal-gusitzzja kriminali:

(b) l-artikolu 97 sa 106, 108 sa 110, 113 u 114, 119A u 123 li ghandhom x'jaqsmu maz-zminijiet gudizzjarji; [Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta]

102. Meta z-zmien legali jew gudizzjarju ghandu jibda jghodd minn gurnata stabbilita, dik il-gurnata ma tinghaddx bhala mdahhla f'dak iz-zmien; u meta z-zmien jinghadd bis-sighat, ma tinghaddx bhala mdahhla s-siegha li fiha ssir in-notifika. [Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta]

10. L-artikolu 102 tal-Kap 12 ma jghidx illi z-zmien jibda jiddekorri mill-ghada, izda li l-jum indikat bhala l-punt ta' partenza ma jinghadx maz-zmien hemm stabilit. Ghalhekk din il-Qorti kellha ripensament dwar il-*quid iuris* kif ravvizata fis-sentenzi Il-Pulizija vs Biagio Muscat u Il-Pulizija vs Stephen John Ciantar Barbara b'dan illi meta l-artikolu 417(1) tal-Kapitolu 9 jistipula tmint ijiem zmien li fih l-Avukat Generali ghandu jintavola l-appell tieghu minn meta jircievi l-atti, il-jum li fih ikunu ricevuti l-atti mghandux jinghadd bhala mdahhla f'dak iz-zmien.

11. L-ewwel eccezzjoni tal-appellat ghalhekk qed tkun michuda;

12. L-appellat jecepixxi ulterjorment li l-Avukat Generali ma kellux bazi ghall-appell tieghu, ossia li ma setghax legalment jinterponi appell. L-Avukat Generali appella mis-sentenza liberatorja mertu ta' dawn il-proceduri bil-gravami singolari li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi meta ghaddiet biex tillibera lill-appellat

wara li l-kwerelanti naqsu milli jidhru. Fl-appell tieghu, l-Avukat Generali jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tghaddi biex tillibera lill-appellat fuq il-konsidrazzjoni li l-kwerelanti qatt ma dehru minkejja li debitament notifikati u dan ghaliex l-fatti imputati lill-appellat kienu ex officio u mhux fuq il-kwerela tal-parti. Dak il-fatt kien jaghti dritt ghall-appell kif ravvizat fl-artikolu 413(c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

13. Issa d-dritt ta' appell tal-Avukat Generali huwa regolat bl-artikolu 413(1) (2) u (3) tal-Kapitolu 9. L-appellat kien akkuzat bi ksur tal-artikolu 298C tal-Kodici Kriminali Kap 9. Dan jimporta piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn tmintax-il xahar u hlas ta' multa minn €2,329.37 sa massimu ta' €34,940.60. Il-fatt imputat kien ghalhekk jezorbita mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond il-ligi fis-sehh fit-30 ta' Jannar 2012, data tal-imputazzjoni, u kien jehtieg il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jitmexxa bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(4) liema kunsens kien inghata kif jidher a fol 2 tal-atti processwali. (Bl-att VIII. 2015 l-kompetenza originali zdiedet minn sitt xhur ghal sentejn izda dan mhux applikabbli ghal kaz odjern li huwa regolat bil-ligi kif vigenti dakinhar). Is-subinciz (a) tal-subartikolu (1) tal-artikolu 413 mhux applikabbli stante li dan mhux appell tal-persuna misjuba hatja. Is-subinciz (b) ukoll mhux applikabbli stante li l-fatti ma kienux jaqghu taht il-gurisdizzjoni originali tal-Ewwel Qorti. Is-subinciz (c), izda jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali *"fil-kazijiet l-ohra kollha,"* apparti d-dritt naxxenti mis-subartikoli (2) u (3) li huma rrelevanti ghal-kaz hawn skrutinat. Rikapitolat dan kollu, fit-termini tal-artikolu 413, filwaqt illi l-persuna misjuba hatja ghandha dritt ta' appell minghajr kwalifiki (art 413(1)(a), id-dritt t'appell tal-Avukat Generali huwa kwalifikat bil-mod segwenti. Meta si tratta ta' gurisdizzjoni originali, f'dawk l-istanzi msemmija fl-artikolu 413(1)(b) li kif inghad ma japplikax ghal kaz odjern. Fil-kazijiet l-ohra kollha, izda, l-Avukat Generali ghandu dritt

t'appell u hawnhekk jargumenta li dan huwa wiehed mill-"kazijiet l-ohra" la darba mhux kaz ta' gurisdizzjoni orginali;

14. In sostenn tal-eccezzjoni tieghu l-appellat jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Sammut tat-18 ta' Gunju 2001. Dik is-sentenza, izda tirreferi ghad-dritt ta' appell tal-Avukat Generali meta l-kaz ikun ta' gurisdizzjoni originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ex artikolu 413 (1) (b) li gia kien kunsidrat li mhux applikabbli ghal-kaz odjern. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 t'Awissu 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joanne Cassar Darmanin, kien ritenut illi [meta l-kwistjoni ma tkunx wahda ta' gurisdizzjoni originali fejn d-dritt tal-appell tal-Avukat Generali huwa limitat] l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 jaghti lill-Avukat Generali *"dritt ta' appell b'mod generali u bla limiti"* . Issa la darba l-kwisjtoni hawn devoluta mhix wahda ta' gurisdizzjoni originali, l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell skond l-artikolu 413 (1) (c) tal-Kap 9 u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

15. Isegwi ghalhekk ezami tal-appell fil-mertu, fejn l-Avukat Generali iressaq bhala gravami l-fatt illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tillibera lill-appellat fuq il-fatt li l-kwerelanti naqsu milli jidhru fil-kawza ghaliex tali konkluzzjoni tammonta ghal-enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Il-fatti imputati lill-appellat huma dawk ravvizati fl-artikolu 298C tal-Kapitolu 9. Id-delitt hemm kontemplat m'huwiex wiehed li ghalih tinhtieg il-kwerela tal-parti offiza sabiex il-Pulizija tinizzja proceduri kriminali. Stabbilit dan, u ezaminata s-sentenza appellata, huwa palezi illi l-Ewwel Qorti ghaddiet sabiex tillibera lill-appellat fuq il-konsiderazzjoni u motivazzjoni singolari li l-kwerelanti naqsu milli jidhru. L-Ewwel Qorti setghet taghmel dan fil-kaz li l-kwistjoni kienet wahda li tista' tingieb fuq il-kwerela tal-parti offiza, u dan fit-termini tal-artikolu 374 tal-Kap 9. Stabbilit izda, illi l-azzjoni hija wahda *ex officio*, l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 375 tal-Kap 9 li skont is-subinciz (c) kellu jkun osservat il-vot tal-ligi

ravvizat fl-artikolu 374(i) fejn hu impost li jkun l-ewwel mismugh il-kwerelant. Issa, meta l-kwerelanti fil-kaz odjern kienu notifikati (ara riferti a fol 33 u 44) u ma deherux u la darba l-prosekuzzjoni ma rrinunzjatx ghal dawn ix-xhieda, l-Ewwel Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza sabiex il-prosekuzzjoni tressaqhom bhala xhieda u tiehu kontra taghhom dawk is-sanzjonijiet li jidrilha xierqa, izda certament mhux li tghaddi biex tillibera lill-imputat appellat ghaliex ma deherux il-kwerelanti. Il-Qorti ma tistghax tifhem l-argument tal-appellat li kellu jkun applikat il-principju li meta l-prosekuzzjoni tiddikjara li ma jkunx fadlilha aktar provi ghandu jitqies li dak jammonta ghal-rinunzja ghaliex fil-kaz odjern ma hemmx tali dikjarazzjoni, hlief li ghal precizjoni, fis-seduta tat-8 ta' April, 2014 il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ma kellhiex aktar provi ghal dakinhar wara li l-Qorti ddikjarat li kienet ser tghaddi ghas-sentenza in segwitu li l-Prosekuzzjoni esebiet riferti pozittivi tax-xhieda. Dan ghandu jinftiehem illi ma kien imharrek hadd aktar ghal dakinhar.

16. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali sabiex tipprocedi mill-gdid u skont il-ligi fuq l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellat.